16 ta' Mejju, 1953.

**Imħallef :—**
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Patist Agius

**Indiġenza — Kap tal-Familja li Jħalli l-Mara fil-Bżonn — Żregolatezza — Art. 352 (x) tal-Kap. 12.**

*Biex ikun hemm ir-reat tal-kap ta' familja li jħalli l-mara u l-ulied fil-bżonn, jeħtieġ li din l-inkurja tar-raġel tkun dovuta jew għal ħajja bla qies (żregolatezza), jew inkella għal nuqqas ta' kont għax-xogħol.*

*Il-fatt li, avvolja jaħdem u jaqla', ir-raġel ma jmantnix lil martu f'dak il-perijodu li jkun hekk jaħdem u jaqla', jikkostitwixxi dik l-iżregolatezza li trid il-liġi.*

*Meta jkun hemm ġà kundanna tat-tribunal ċivili għall-manteniment, it-tribunal penali ma għandux bżonn jindaga jekk l-imputat kienx ġustifikat jirrifjuta l-manteniment; jekk imbagħad, wara dik il-kundanna, intervenew ċirkustanzi ġodda, ir-raġel xorta waħda jibqa' obligat għal dak il-manteniment, sakemm ma jfittixx biex tiġi revokata jew modifikata dik il-kundanna quddiem it-tribunal ċivili. Invece, meta ma hemmx ġà dik il-kundanna tat-tribunal ċivili, allura t-tribunal penali għandu jara jekk ir-raġel irrifjutax li jmantni lil martu fil-kredenza in bwona fede ta' xi motiv verosimilment plawsibili; għax jekk huwa, avvolja kellu l-mezzi, ikun irrifjuta jagħti l-manteniment lil martu għal xi raġuni li hu, in bwona fede, seta' ħaseb li kienet tajba, allura jista' ma jkunx hemm żregolatezza. U l-iżregolatezza hija esklużа, u kwindi anki*

*r-reat, jekk il-Qorti ssib li r-raġel kien ġustifikat jaħseb li hu ma kienx tenut jagħti l-manteniment lil martu.*

Fuq l-imputazzjoni li ħalla lil martu fl-indiġenza minħabba żregolatezza, l-imsemmi Agius ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, u b'sentenza tagħha ta' l-24 ta' Marzu 1953 ġie liberat;

L-Attorney General appella minn din id-deċiżjoni fuq il-motiv li hemm fiha interpretazzjoni skorretta tal-liġi, inkwantokkè l-Maġistrat irritjena li l-fatt li raġel miżżewweġ, fil-waqt li jkollu l-mezzi, ma jmantnix lil martu, ma jikkostitwix żregolatezza għall-finijiet tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 352 (x) Kap. 12;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-liġi tgħid hekk:— "Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni publiku kull min, bħala kap tal-familja, iħalli fil-bżonn lill-mara jew it-tfal, minħabba ħajja bla qies jew nuqqas ta' kont għax-xogħol";

Mela għal din il-kontravvenzjoni jeħtieġ:— 1. Il-fatt u l-imputat ikun kap ta' familja, u jħalli lil martu jew uliedu fil-bżonn: 2. Li din l-inkurja tiegħu tkun dovuta jew għal ħajja bla qies (żregolatezza), jew inkella għal nuqqas ta' kont għax-xogħol;

Fil-kawża appellata ma kienx hemm kwistjoni ta' nuqqas ta' kont għax-xogħol, għax l-imputat jaħdem;

Però jirriżulta li, avvolja huwa kien jaħdem, hu ma mantniex lil martu fil-perijodu indikat;

Il-punt hu, għalhekk, jekk il-fatt li, avvolja kien jaħdem u jaqla', hu ma mantniex lil martu f'dak il-perijodu, jikkostitwixxi żregolatezza;

Il-punt ma hux ġdid fil-ġurisprudenza. L-Imħallef Sir Philip Pullicino, fil-kawża App. Krim. "Pulizija vs. Briffa", 27. 10. 1928, Vol. XXVII—II—667, irritjena illi "è altresì sregolatezza il contegno del padre di famiglia il quale, pur avendo i mezzi, lascia la moglie nell'indigenza". L-Imħallef sedenti segwa l-istess prinċipju f'diversi deċiżjonijiet tiegħu (ara, fost oħrajn, "Pulizija vs. Micallef", 28. 6. 50). U verament hekk hu; għax il-kontravvenzjoni hi fil-kategorija ta' dawk kontra l-ordni publiku, u ċertament is-soċjetà

ma tistax tittollera li raġel miżżewweġ li għandu l-mezzi jħalli fil-bżonn lil martu, kontra l-interess, sija ekonomiku kemm morali, tas-soċjetà, billi l-mara miżżewġa li jonqosha l-manteniment tista' ssir ta' piż lis-soċjetà, u tista' wkoll taghti ruħha għall-iskostumatezza. Il-kap tal-familja li ma jottemperax ruħu, fil-waqt li jista' jottempera ruħu, għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li jimponulu l-obligu tal-manteniment ta' martu, qiegħed jikkaġuna diżordni fis-soċjetà;

Għandu jiżdied, biex il-prinċipju jkun kjarifikat, li, meta jkun hemm ġa l-kundanna tat-tribunal ċivili għall-manteniment, it-tribunal penali ma għandux bżonn jindaga jekk l-imputat f'kawżi simili kienx ġustifikat jirrifjuta l-manteniment, għax ladarba kien hemm deċiżjoni tat-tribunal, dan hu biżżejjed; u jekk wara dik id-deċiżjoni intervenew ċirkustanzi ġodda, l-imputat kien messu fittex għar-revoka jew modifika ta' dik id-deċiżjoni quddiem it-tribunal ċivili. Inveċe, meta ma hemmx ġa kundanna tat-tribunal ċivili għall-manteniment, allura t-tribunal penali għandu jara jekk l-imputat irrifjutax iħallas il-manteniment lil martu fil-kredenza in bwona fede ta' xi motiv verosimilment plawsibili; għaliex jekk l-imputat f'kawżi simili, avvolja jkollu l-mezzi, ikun qiegħed jirrifjuta jagħti l-manteniment lil martu għal xi raġuni li hu in bwona fede jista' jaħseb li hija raġuni tajba, allura jista' ma jkunx hemm żregolatezza;

Issa, fil-każ preżenti jirriżulta li l-imputat jaħdem u jaqla', u jirriżulta wkoll li fil-perijodu indikat fiċ-ċitazzjoni hu ma tax manteniment lil martu;

Deher ukoll mill-provi li "wara" l-perijodu msemmi fiċ-ċitazzjoni l-imputat ġie fil-fatt kundannat mit-tribunal ċivili biex jissomministra retta alimentarja lil martu, u li in segwitu għal din il-kundanna hu qiegħed iħallas din ir-retta alimentarja regolarment;

Peress li, kif ingħad, il-kundanna tat-tribunal ċivili kienet "sussegwenti" għall-perijodu ta' l-imputazzjoni, għalhekk jibqa' dejjem dmir ta' din il-Qorti li tara jekk l-imputat, riferibilment għall-perijodu ta' l-inkriminazzjoni, kienx ġustifikat jaħseb li hu ma kienx tenut jgħaddi l-manteniment lil martu;

Deher mill-provi li ftit ilu l-imputat sama' l-bieb ta' daru jinfetaħ matul il-lejl............ L-appellant ħaseb ħażin f'martu........... Wara dan l-inċident hu telaq 'il barra u ma taħiex manteniment. Mart l-appellant ammettiet l-inċident bħala fatt, iżda qalet li ma kien veru xejn minn dak l-ssospetta żewġha;

Il-Qorti hija persważa li "fl-idea ta' l-appellant" l-inċident ta' bil-lejl bħala fatt gara kif iddeskrivih hu, fis-sens li............ Jekk kienx hemm xi ħaġa ħażina jew le ma jirriżultax; u lanqas hemm bżonn li dan il-punt jiġi rilevat, stante dak li sejjer jingħad;

Infatti l-Qorti għandha tara jekk iċ-ċirkustanzi kienux tali li jiġġustifikaw is-suspett ta' l-appellant fil-fedeltà ta' martu. Kieku kien dan l-inċident waħdu, il-Qorti kienet tagħżita tikkwalifika l-inċident bħala raġuni subbjettivament suffiċjenti biex tiġġustifika lill-appellant li jirrifjuta jagħti allura l-manteniment lil martu; imma hemm ċerti antecedenti li fuqhom il-Qorti tħoss li, fil-kredenza tiegħu in bwona fede, l-appellant ħassu ġustifikat li jiċħad li jmantni allura lil martu; u jekk hu hekk, żregolatezza, skond il-prinċipji fuq esposti, ma hemmx;

Jirriżulta infatti, mix-xhieda ta' l-appellant, li żmien qabel dan l-inċident..............;

Għalhekk, kollox ma' kollox, il-Qorti tħoss li f'dan il-każ kien hemm fl-appellant, fil-perijodu indikat fiċ-ċitazzjoni, il-kredenza raġunata li hu kien tradut minn martu, u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm żregolatezza;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi;

Billi, għar-raġunijiet diversi minn dawk tas-sentenza appellata, u fis-sens premess, tikkonfermaha.